EWĠENJU BORG – IL-ĦADDIEM "QADDIS" TAT-TARZNA (2)

50 sena minn mewtu

ROBERT ALOISO / robertaloisio@gmail.com

Fl-1962, miet Dun Ġorġ, il-missier spiritwali tiegħu. Ewġenju kien imnikket għall-mewt u ma staħax juri minn barra l-biki tiegħu

Ewġenju Borg, magħruf bħala Ġeġè, kien l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Museum, u bħal ħafna mis-soċji tal-Museum tal-bidu kien ukoll ħaddiem tat-Tarzna. Huwa meqjus bħala l-ġebla tax-xewka li fuqha Dun Ġorġ bena l-għaqda tiegħu. Kien hu l-ewwel wieħed li ħareġ u fetaħ l-ewwel dar tal-Museum barra mill-Ħamrun.

ĦADDIEM TAT-TARZNA

"Iżda l-iktar ħaġa li tolqotna u li jista' jkollha rifless fuq is-soċjetà attwali tagħna fi żminijietna," jgħid l-Editt li l-Arċisqof Mercieca ħareġ fl-1997 fil-ftuħ tal-Kawża ta' Beatifikazzjoni ta' Ewġenju Borg, "huwa l-fatt li Ewġenju kien ħaddiem tat-Tarzna u hemmhekk wettaq ħafna mill-appostolat tiegħu fost l-istess ħaddiema." It-Tarzna, "is-Sur Ewġen" kien irrispettat ħafna u tant kien jaqdi dmiru bir-reqqa li wħud kienu jsejħulu "l-Qaddis".

Wara eżami li għadda minnu mat-tieni darba, Ewġenju kien daħal it-Tarzna bħala mudellatur, sengħa li baqa' jżommha sakemm irtira, 40 sena wara. Issengħa ta' mudellatur jew pattern maker kienet stmata dak iż-żmien. U kif kiteb Karmenu Ellul Galea, f'"L-Istorja tat-Tarzna", dik il-ħabta kulmin kien jirnexxielu jidħol apprentista t-Tarzna kien qisu laħaq xi ħaġa kbira, bilkemm mhux aqwa minn professjonista. Innumru tal-forma li biha Ewġenju Borg kien jirrapporta għax-xogħol kienet 2244. Din il-forma kull ħaddiem kien jeħodha mill-Muster Station għal għand l-imgħallem u jagħtiha lura filgħaxija.

Ewġenju Borg, magħruf bħala Ġeġè, kien l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Museum

APPOSTOLAT FIT-TARZNA

Meta Dun Ġorġ waqqaf l-Għaqda tiegħu fil-Ħamrun huwa beda ħelu ħelu jressaq quddiem is-soċji tal-bidu lil Kristu Għalliem bħala l-ideal ta' ħajjithom. Ewġenju ma damx ma ħa t-tagħlim Nisrani bħala l-missjoni tiegħu. Għaxar xhur wara t-twaqqif tal-Museum fil-Ħamrun, Ewġenju beda jgħallem f'Bormla fejn kien imur kuljum minħabba x-xogħol tiegħu fit-Tarzna.

Fil-ħin ta' nofsinhar, Ewġenju kien jirkeb il-lanċa u jmur jiekol il-British Restaurant, il-Belt. Meta kien jidħol Ewġenju hemmhekk, l-irġiel kienu jwissu 'l xulxin biex iġibu ruħhom sew quddiemu u ma jidħux. Ewġenju, li sar jaf b'dilbiċċa xogħol, ġieli dam apposta, ħa jiġi evitat dagħa kemm jista' jkun. Ġieli wkoll kien jitrakka f'xi ħanut żgħir tal-barklori u jiekol xi ħaġa hemm. Lill-barklori u linnies tax-xatt kien joqgħod ifissrilhom id-duttrina Nisranija u jgħallimhom jitolbu r-ruħarju.

U meta l-ħaddiema jkunu deħlin lura għax-xogħol wara l-break huwa kien joqgħod f'nofs it-taraġ qrib il-bieb tat-tarzna u jerġa' jfissrilhom xi tagħlim. U tistagħġeb kif il-gwardjani qatt ma kellmuh meta kien qed iżomm dik il-ġemgħa hekk kbira ta' nies! Il-heġġa kbira li kellu għat-tagħlim hu stess isejħilha "Nar. Biċċa nar ġo qalbna!"

IL-"ĦANUT TAL-APPOSTLI"

Bniedem bħal Ewġenju Borg ma setax ma jħallix influwenza kbira fost sħabu l-ħaddiema. L-ispirtu tiegħu baqa' jinħass fil-ħanut, jew workshop fejn kien jaħdem, għal ħafna snin wara li rtira mix-xogħol. Il-ħaddiema t'hemmhekk kienu jinħassu differenti mill-mod kif kienu jġibu ruħhom. Ewġenju "kien ħabib ma' kulħadd, stmat ħafna mis-superjuri tiegħu u bniedem li jħobb isskiet. Bil-ħidma bieżla tiegħu Ewġenju wera kif bniedem jista' jitqaddes ukoll permezz tax-xogħol." (Editt tal-Arċisqof, 1997)

Is-Superjur Ġenerali Natalino Camilleri jgħid li, "Ilfatt li Ewġenju Borg kien soċju bħalna, kien ħaddiem, għalija huwa prova li dak li kien ispirat f'Dun Ġorġ jista' jingħex. Allura huwa mudell għalija." Borg qatt ma kien jitkellem fuq politika fuq il-parir ta' Dun Ġorġ li kien jgħid lis-soċji biex ma jitkellmux fuq il-politika.

Il-"ħanut tal-appostli" kien ħanut kbir għax barra l-mudellaturi, kif kien Borg, kien hemm ukoll il-mastrudaxxi jew il-"joiners". Kienu bdew isejħulu "tal-appostli" għax hemm kienu jaħdmu diversi membri tal-Museum. Fiż-żmien tal-bidu kien hemm Ġiġi Vidal, Wenzu Abela, Ġużeppi Darmanin u Dwardu Pantalleresco. Fi żmien l-ewwel Gwerra Dinjija kien hemm George Wilson, li kien proprju Ewġenju li daħħlu l-Museum. Iktar tard kien hemm ukoll Salvu Baldacchino u Ġużeppi Formosa.

Il-kastig ta' Ewġenju fuq ix-xogħol kien meta f'xi bżonn kien ikollu jidħol sahra, agħar minn hekk jekk ikun il-Ħadd jew festa kmandata. Huwa kien jagħmel minn kollox biex ma jitlifx tqarbina.

PROBLEMI TA' SAĦĦA

Fl-1931, Ewġenju sar jaf li kien dijabetiku. Il-mewt t'ommu u missieru, li ġrat sena qabel, ħaffietlu t-triq għal din il-marda. Fit-Tarzna, Ewġenju kien dejjem lest biex jagħti parir. Lil ċertu Bastjan li kien jaħdem miegħu, kien qallu, "Tinkwieta qatt, jiġrilek x'jiġrilek. Ara jien xi ġrali bl-inkwiet." Id-dijabete bdiet sa mill-bidu ddgħajjef lil Ewġenju minn saħħtu iżda minkejja dan hu baqa' sal-aħħar jaqdi dmiru. Kien jipprova ma jħallix jum jgħaddi li ma jmurx jgħallem f'xi post jew ieħor. Kien konvint li bniedem bla tagħlim sod ma jistax iħobb lil Ġesù u jgħidlu "iva" b'qalbu kollha.

IN-NEPUTIJA KARMEN AZZOPARDI

Dwar l-aħħar perjodu ta' ħajtu, Roberto D'Amato, student tal-MCAST, u membru tal-Museum intervista lill-attriċi veterana Karmen Azzopardi, li tiġi n-neputija ta' Ewġenju Borg: "Ewġenju Borg jiġi ħu l-mamà tiegħi. Il-mamà tiegħi kienet Borg u twieled l-Isla... Huwa għamel snin kbar jgħix magħna, mal-familja tagħna. Iz-Ziju Ġeġè kien bniedem umli ħafna, iżda kellu sense of humour. Ma kienx bniedem serju, għalkemm kien jidher serju. Kien jidħak, u kien jgħid xi ċajta 'l hawn u 'l hemm. Konna familja ferriħija. Dam issnin kbar magħna."

"Minkejja li dak iż-żmien ma kienx hawn il-kura taddijabete li hawn illum, huwa kien jinjetta ruħu darbtejn kuljum bl-insulina u kien fuq dieta stretta, u meta kien għandna ħlief ħaxix ma kienx jiekol u dejjem iqisulu kemm jista' jiekol ħobż. Minkejja l-fatt li kellu d-dijabete, huwa kien imur kullimkien jiftaħ fergħat tal-Museum, u jmur ħafna drabi bil-mixi."

"Min jaf kemm-il darba mar mill-Ħamrun sal-Mellieħa, jew sa San Pawl il-Baħar. Qatt ma qata' qalbu u dejjem kellu sens kbir ta' appostolat, dan kien jixgħel ġo fih. Meta kont tarah kien iġiblek sens li jrid ikollok rispett lejh u stima imma fl-istess ħin mhux li tinġibed minnu speċi li kien xi ħaġa kbira. Veru raġel li kellna x-xorti aħna tal-familja u għandna hemm fuq min jitlob għalina."

"LILI ALLA JOBGĦODNI"

Ewġenju Borg kien imur ukoll jagħmel xi taħdidiet lill-morda fl-isptarijiet. Darba messu jmur l-Imgieret biex ikellem lil-lebbruži. Żagħżugħ marid malli rah qallu, "Jien ma niġix nisimgħek għax lili Alla jobgħodni. Kieku m'jiniex f'dan l-istat." Ġeġè ġab kurċifiss u b'ton ta' mogħdrija qallu, "Ara daqsxejn. Iħobbu Alla lil Ibnu? Dan m'hux l-Iben t'Alla li spiċċa msallab? Ommu Marija ma sofrietx duluri kbar? U Alla ma jħobbhiex lill-Madonna?"

Ewġenju mbagħad mar u beda t-taħdita. Dak iżżagħżugħ ma damx ma daħal jisma' huwa wkoll, u qagħad sa tmiem it-taħdita. Aktar tard il-Kappillan talisptar iltaqa' ma' Ġeġè u qallu li dak iż-żagħżugħ kien inbidel mil-lejl għan-nhar u li kien baqa' jattendi regolarment għat-taħdidiet li soċji tal-Museum kienu jagħmlu f'dak l-isptar.



Din is-sena, infakkru l-50 sena mill-mewt ta' Ewġenju Borg,

EVAKWAT ĦAL BALZAN

Fl-1941, tah attakk gravi tal-marda u kulħadd ħaseb li se jmut iżda ftit wara għaddielu. Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, Ewġenju u oħtu evakwaw flimkien ma' familja f'dar f'Ħal Balzan. Fl-1942, id-dar intlaqtet b'bomba, iġġarfet u qatlet lil oħtu Ġorġina. Ftit xhur wara, Ewġenju mar jgħix mas-soċi interni ta' Ħaż-Żebbuġ. Fuq dan iżżmien, l-attriċi veterana Karmen Azzopardi, qalet hekk:

"Imbagħad ġiet il-Gwerra, u ħu l-papà tiegħi, li kien joqgħod Ħal Balzan, qalilna biex immorru noqogħdu għandu minħabba l-attakki fil-Ħamrun. U morna noqogħdu Ħal Balzan u sfortunatament id-dar ta' hawnhekk ġiet bomba filġnien tagħna li qatlet liz-Zija Ġorġina li kienet tal-Museum ukoll. Fil-Gwerra kelli ħuti tliet subien feruti, iżda niftakar ukoll matul il-Gwerra iz-Ziju Ġeġè marad ħafna u kien wasal fl-aħħar, iżda irpilja. Meta mietet iz-Zija Ġorġina, iz-Ziju Ġeġè ħadha tant bi kbira għax dejjem konna familja magħquda u nħossu għal xulxin."

"Dak iż-żmien tal-Museum kienu waqqfu s-soċi interni u z-Ziju Ġeġè ddeċieda li jmur jingħaqad magħhom. Oħti tirrakkonta li kienet tmur fil-kamra tiegħu u kien jgħidilha, "'Poġġi, ħa ngħidu r-rużarju' għax iz-Ziju Ġeġè kien magħruf dejjem bil-kuruna tar-rużarju f'idejh, anke fuq il-karozza tallinja jew meta miexi fit-triq."

IL-BINI TAD-DAR ĠENERALI TAL-MUSEUM

Ewġenju Borg kien ġa xjieħ sewwa meta nbeda l-bini tad-Dar Ġenerali tal-Museum, fil-Blata l-Bajda. Ix-xogħol kollu, tista' tgħid, sar mill-membri ta' l-Għaqda stess u, minkejja li mgħobbi bis-snin u mikdud mill-mard, is-Superjur Ġenerali ried jagħti s-sehem ċkejken tiegħu għall-eżempju u l-inkuraġġiment tagħhom.

Meta kienu qegħdin jagħtu l-konkos fl-art tal-awditorju, Ewġenju kien jidher wieqaf maġenb ittank li minnu kienu jieħdu l-ilma għall-mixer. Kien ikun liebes boilersuit bajda, xi ftit imkaghbra, u xogħlu kien li jżid mal-ilma tat-tank il-kejl eżatt ta' ċerta kimika li kienet qed tintuża għal kontra l-umdità. L-umiltà tiegħu ma kinetx tħallih jaċċetta xi trattament speċjali bħala Superjur Ġenerali, u lanqas ma ħalla l-età jew il-mard iservuh ta' skuża biex jeżenta ruħu mix-xogħol manwali.

Fl-1962, miet Dun Ġorġ, il-missier spiritwali tiegħu. Ewġenju kien imnikket għall-mewt u ma staħax juri minn barra l-biki tiegħu. Qabel ma miet, huwa mar iżuru kemm-il darba u darba minnhom Dun Ġorġ qallu: "Ewġenju issa ħallina mill-biki" u filwaqt li resqu lejh, bierku u qallu: "Fik jiena nbierek is-Soċjetà kollha".

Bejnu u Dun Ġorġ kien hemm rabta soda u qaddisa, tant li darba Dun Ġorġ qal: "Bejni u bejn Ġeġè hemm misteru."

L-AĦĦAR MUMENTI

It-Tnejn 6 ta' Marzu 1967, Ewġenju Borg iddaħħal l-Isptar San Luqa. Kien marid ħafna tant li l-Kappillan talisptar, Patri Victor Buhagiar, ma setax ikompli jqarbnu għax kien daħal f'koma. Kollox kien juri li Borg ma kienx se jirċievi l-Vjatku qabel imut. Iżda fil-lejl ta' qabel miet marru jżuruh is-Superjuri Ġeraldu Micallef u Ċikku Saliba u s-soċju Ġorġ Borg.

Dak il-ħin ġie ftit f'sensih u beda jgħid xi ħaġa bilkemm jiftiehem. Is-Superjuri staqsewh jekk riedx jitqarben u hu għamel sinjal ta' iva b'rasu. Il-patri qarbnu u wiċċu deher jiddawwal. Wara ftit reġa' ntilef f'koma.

Jirrakkonta l-poeta famuż Ġorġ Borg: "Dak iż-żmien, jiena kont naħdem il-Lombard Bank mal-Assistent Superjur Ġenerali, Ġeraldu Micallef u lili qalli 'Immorru narawh lil Ewġenju Borg?' Jiena kont soċju tal-Museum diġà, Ħal Lija. Qalli: 'Immorru narawh lil Ewġenju Borg għaliex qiegħed l-isptar u qed imut?' Għidtlu: mela le!..."

"Ewġenju Borg kien qiegħed fuq sodda f'kuritur tal-isptar, fis-sala talmediċina qabel ma' tidħol għas-sala l-kbira. U dħalna u sibnieh li kien qiegħed f'koma. Iżda wara ftit li wasalna aħna, ġie f'sensih u s-superjuri ħadu l-okkażjoni jistaqsuh iridx jitqarben. U qalilhom iva... U jiena rajt l-aħħar tqarbina tiegħu, dak il-wiċċ tiegħu seren... il-mod ta' kif tqarben qatt ma rajt tqarbina bħal dik, nista' nixhed għaliha. U imbagħad wara li tqarben wara ftit reġa' ntilef f'koma." (Intervista, 2016)

IMUT WAĦDU F'KURITUR

Ewgenju Borg miet nhar il-Ħadd, 12 ta' Marzu 1967, fis-siegħa ta' filgħodu, fl-età ta' 81 sena. L-Isptar San Luqa kien mimli daqs bajda bil-pazjenti u Ewġenju miet f'rokna għalih waħdu filkuritur max-xellug qabel ma kont tidħol għas-sala l-kbira fil-blokk tal-mediċina (MMB).

L-għada ta' mewtu, "L-ORIZZONT" ġab obitwarju tiegħu b'ritratt u semma kif "Fuq ix-xogħol kien jagħmel taħdidiet lil sħabu l-ħaddiema u wara x-xogħol ħabrek ħafna biex il-postijiet tad-duttrina jiġu miftuħa ma' Malta kollha."

Anke l-funeral ta' Ewġenju Borg, b'ritratt illum nostalġiku, tal-karru tal-mejtin miġbud biżżwiemel.

TINFETAĦ IL-KAWŻA GĦALL-BEATIFIKAZZJONI

Nhar it-12 ta' Marzu 1997, għeluq it-30 sena minn mewtu, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħareġ editt biex tinbeda l-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Ewġenju Borg. B'xorti ħażina, id-devozzjoni lejn il-Qaddej ta' Alla Ewġenju Borg mhix daqstant qawwija fostna l-Maltin u allura jidher diffiċli li fi żmien qasir jiġi ddikjarat imqar Venerabbli. Dan l-artiklu huwa kontribut żgħir biex Ewġenju Borg ikun magħruf iżjed.

Fl-2001, saret l-eżumazzjoni tal-għadam ta' Ewġenju Borg li kien midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata u l-għadam tqiegħed f'kaxxa u din daħħluha f'wieħed mill-ħitan tal-Kappella tal-Midalja Mirakoluża l-Blata l-Bajda. Kienet is-sena meta Papa Ġwanni Pawlu II ġie f'Malta biex jiddikjara lil Dun Ġorġ Beatu u sar rinnovament tal-kappella.

"ID-DINJA GĦAMILNIEHA TAGĦNA"

Dwar Ewġenju Borg ġew ippubblikati tliet kotba interessanti: "Ewġenju Borg P.E.P." ta' Ġorġ Borg (1986); "Nar Ġo Qalbna – Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg" rakkont f'forma ta' rumanzett miktub minn Jesmond Grech; u "Worker and Apostle Eugenio Borg" tal-Ġiżwita Anton Azzopardi (2003), neputi ta' Ewġenju Borg. Wieħed jista' jakkwista dawn il-kotba mil-Librerija Preca, il-Blata l-Bajda. Is-sena l-oħra kien inħadem ukoll dokumentarju ta' nofs siegħa u ta' kwalità għolja, minn Roberto D'Amato, student tal-MCAST u membru tal-MUSEUM, fuq il-ħajja ta' Ewġenju Borg, bl-isem meħud minn fraži li kien qal hu stess: "Id-Dinja għamilnieha tagħna". Wieħed jista' jikseb dan id-dvd bi prezz baxx ħafna billi jibgħat email lil roberto.damato.19@gmail.com